# Blu u Bl-Istilel

*minn Joseph G. Scerri B.A.*

Matul il-medda taż-żmien, il-festi f'Malta bdew minn ċelebrazzjonijiet sempliċi bi drawwiet partikolari u spiċċaw biex lejn l-aħħar tas-seklu dsatax inħolqu baned u partiti li għalkemm kabbru l-festi mill-għadd ta' briju, armar u organizzazzjoni, sfortunatament kienu wkoll xi drabi mezz ta' firda fost il-poplu Malti. F'ħafna postijiet dan ġara bejn il-festa titulari u festa oħra sekondarja li toħroġ mill-istess knisja parrokkjali. Oħrajn kienet pika bejn żewġ parroċċi. Fir-Rabat hawn ftit tad-differenza minn dan. Il-Parroċċa tagħna li sa minn dejjem kienet iddedikata lil San Pawl kienet sa minn dejjem ukoll tiċċelebra bl-istess qima u briju il-festa ta' l-Ewkaristija, Corpus Domini. Iżda fir-Rabat il-festa ta' San Ġużepp li ssir fl-oratorju li hemm anness mal-knisja ta' Ġieżu, bdiet ukoll tikber bħala festa bil-parteċipazzjoni tal-Banda L'Isle Adam. B'hekk bejn l-organizzaturi tal-festi ta' San Pawl u San Ġużepp u bejn il-Każin San Pawl u l-Każin L'Isle Adam nibtet pika li li kieku mhux għall-fatt li f'xi żmien ħraxet b'tali mod li nqalgħu inċidenti veru koroh, kienet tibqa' dik il-pika ta' kompetizzjoni li tagħmel biss ġid.

Minn dawn iż-żewġ sezzjonijiet fir-Rabat nibtu żewġ partiti; "ta' Fuq" u "ta' Isfel", "ta' l-Ajkla" u "ta' l-Istilla," "ta' l-Aħmar" u "tal-Blu." Fi kliem ieħor ta' San Pawl u ta' San Ġużepp. Il-partiti tal-festi f'Malta kollha kellhom il-kulur kif ukoll il-laqam tagħhom. Fost dawn insibu ta' l-Iljun fil-Mellieħa, tal-Miskina u tat-Tamal fil-Ħamrun, ta' l-Istilla fil-Gudja, ta' l-Ajkla f'Ħaż-Żebbuġ u tant u tant oħrajn.

Il-partit tagħna ħadna l-kulur aħmar, kulur assoċjat mal-martri u l-laqam ta' l-Ajkla. Għalhekk diffiċli għal min jitla' r-Rabat fil-festi tagħna biex jifhem għala jperpru mal-arbli fuq il-bjut u mal-arblu tal-gallarija tal-Każin San Pawl, bnadar kbar blu b'ħafna stilel. Sa minn meta kont żgħir nistqarr li din il-biċċa nibtet mistoqsija fija wkoll.
Ħsibna għaldaqstant li jkun għaqli li wieħed ifiehem l-oriġini u s-sinifikat ta' din il-bandiera.

Nibdew l-ewwel billi nispjegaw l-għamla tal-bandiera. Il-bandiera hija ta' forma rettangolari. Fuq sfond blu x'aktarx "ultramarine", naraw tispikka fin-nofs arma kbira b'kuruna fuqha. Fl-isfond ta' l-arma naraw il-kuluri abjad u aħmar meħudha mill-bandiera Maltija li jfakkruna li San Pawl hu Missier u patrun tagħna l-Maltin. Fuq dawn naraw is-sejf u l-lifgħa. Is-sejf ifakkarna fil-Martirju ta' l-Appostlu Missierna, il-festa li niċċelebraw fir-Rabat. Il-lifgħa tfakkarna fil-ġrajja tan-Nawfraġju ta' San Pawl, liema ġrajja welldet ir-reliġjon nisranija f'pajjiżna.

Fuq din l-arma preċiż wieħed isib il-kuruna. Din m'hix kuruna komuni. Kull titlu jitlob kuruna differenti. Din il-kuruna hi dik marbuta mal-martri. Għandha l-ponot tagħha forma tal-ponot tal-palma li wkoll hi assoċjata mal-martri.

Taħt l-arma preċiż hemm miktuba is-sena 1427 u mxerrda b'simetrija madwar l-arma naraw ħafna stilel ta' l-istess daqs.

### Għaliex 1427

Wara li l-Maltin qamu biex ħaduha kontra Don Gonsalvo Monroi fl-1425, minħabba l-mod kif dan il-bniedem kien selaħ u seraq lill-Maltin, dawn għamlu rappreżentazzjoni

quddiem ir-Re Fonzu ġo Spanja biex ifissrulu li l-Maltin iridu jifdu art twelidhom billi lesti jħallsu it-30,000 fjorin ta' Aragona b'kemm Monroi kien ħallas biex jirhan lil Malta u Għawdex.

Huma talbu wkoll xi jeddijiet li kienu jikkonsistu fost l-oħrajn li Malta kellu jkollha tmexxija Maltija bħalma kellhom bliet oħra (Palermo, Katanja u Messina). Fil-31 ta' Marzu 1427 ir-re Fonzu laqa' d-delegazzjoni Maltija li kienet tikkonsisti f'żewġ kanoniċi tal-Katidral - Dun Katald Cusburella li fl-1418 insibuh bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat meta kien għadu jissejjaħ Cappillano Maggiore', u Dun Girgor Bonnici f'isem l-Universita' u s-sindku Giacomo Rone t'Aragona. Wara ħafna diskussjonijiet u taqtigħ il-qalb fl-20 ta' Ġunju 1428 l-istess sultan wettaq b'diploma speċjali dawn il-jeddijiet u ta s-setgħa lill-Maltin li jħarsuhom, jekk ikun jeħtieġ ukoll, bil-qawwa ta' l-armi, manu forti. Dan id-digriet il-Maltin qisuh bħall-'Magna carta liberatis'.

Ir-Re Fonzu sejjaħ il-gżejjer Maltin bħala, "art nobbli u ġawrha prezzjuża tal-Kuruna tiegħi", Membrum et Jocale Notabile et Insigna Corone Regie', u minn dak iż-żmien il-kapitali ta' Malta bdiet tissejjaħ Medina Notabile.

B'dan kollu l-Maltin kienu ferm ħenjin u kburin iżda l-kbir kien għadu ġej. Mill-kitba tal-kronista Għarbi El-Zarkasi nafu li f'Settembru tas-sena 1429 armata ta' 18,000 ruħ mibgħuta minn Tunes, taħt il-kmand ta' Kajd Ridavan, ħebbet għal Malta u Għawdex għall-għarrieda. Il-Maltin għalkemm sofrew xebgħa kbira ma ċedewx. Ridavan qatel ħafna nies u ġarr għadd ġmielu ieħor fl-eżilju. Izda jitqies b'miraklu li Malta ma nħatfitx. L-istess El-Zarkasi jikteb li l-Misilmin telqu lura fil-mument li kienu kważi ħadu 'l Malta taħt idejhom.



*Il-Bandiera li dwarha qed jinkiteb dan l-artiklu.*

## Ir-Rabta ta' din il-Ġrajja mal-Bandiera

Tradizzjoni antika tgħid li dan il-miraklu kien frott dehra li seħħet dak in-nhar. Waqt din it-taqtiegħa, il-Maltin irrakkontaw li raw lil San Pawl riekeb żiemel abjad b'sejf f'idejh li bih kien qiegħed ikeċċi lil Misilmin. F'din id-dehra San Pawl deher liebes mantar blu bl-istilel li l-Maltin ħafna drabi jassoċċjaw ma' xbihat ta' Sidtna Marija. Dawn id-dehriet kienu komuni ħafna waqt assedji simili bħal dan mhux biss f'Malta iżda wkoll fi Sqallija u fin-Nofs in-Nhar ta' l-Italja. Dawn kollha kellhom xi element komuni bħal per eżempju iż-żiemel abjad.

Dawn id-dehriet ħafna drabi kienu wkoll frott ta' l-immaġinazzjoni tal-poplu li fil-ħerqa fit-talb tiegħu għall-fidwa kien jimmaġina li qed jara saħansitra l-għajnuna fiżika ta' qaddisin li lejhom ikun qed jirrikorri fit-talb tiegħu. Biex iqawwu l-moral tagħhom stess ħafna drabi kienu jpittru fuq bandieri kbar, dawn ix-xbihat u jpoġġuhom f'qagħdiet strateġiċi tal-battalji. Dan kien igħin biex wieħed jimmaġina dak li diġa semmejna hawn fuq. B'daqshekk wieħed m'għandux jeskludi li fil-ġrajja li semmejna tal-1429, jew xi ġrajjiet oħra, ma setax kien hemm intervent mirakoluż biex ġara dak li fil-fatt ġara.

Nafu li din il-ġrajja kienet miżmuma b'għożża kbira. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-pittura kbira u sabiħa, xogħol ta' Mattia Preti (1682) li tinsab fil-kappellun tal-Lunzjata ġewwa l-Kattidral ta' l-Imdina. Mat-titular tal-Kattidral li kien iddedikat lil Santa Marija ġie mgħaqqad (x'aktarx minn dan iż-żmien) dak tal-Konverżjoni ta' San Pawl u spiċċa, kif nafuh illum, taħt dan l-aħħar titlu biss. Hekk li meta Mons. Dusina għamel vizta lil dan it-tempju ewlieni ta' Malta fissrulu li fil-Lunzjata kienet issir purċissjoni mill-parroċċi ta' Malta kollha ad 'Ecclesiam Cathedralem S. Pauli' biex jagħtu ħajr lil Alla li ħellishom mit-Torok.



*Pittura li tinsab fil-Kattidral ta' l-Imdina, xogħol tal-pittur Mattia Preti (1613-1699) li turi l-istess dehra u li fiha San Pawl jidher liebes libsa blu bl-istilel. Fil-bogħod tidher l-Imdina b'xi bandieri bojod u ħomor w oħrajn b'emblema fuqhom.*

Fis-Sagristija tal-Kolleġġjata ta' San Pawl fir-Rabat insibu wkoll din il-ġrajja impittra f'affresk fil-lunetta li hemm fuq il-bieb li mis-Sagristija jagħti għall-kappellun ta' Sant' Anton. Dan l-affresk qiegħed fi stat ħażin ħafna u għandu bżonn

kbir ta' restawr li jenħtieġ li jsir malajr qabel ma jispiċċa għal kollox. Għalkemm ma fih l-ebda valur u artistiku u storiku juri l-importanza li din il-ġrajja minn dejjem kellha għar-Rabtin u n-nies ta' l-inħawi. F'din il-pittura li hija 'monochrome' jiġifieri hi magħmula minn tonalitajiet u dellijiet ta' l-istess kulur naraw lil San Pawl liebes il-mantell bl-istilel, rikeb fuq żiemel u f'idu mgħollija naraw xabla. Mis-sħab jidhru ħerġin xi anġli filwaqt li fil-bogħod tidher belt imdawra bis-swar. Taħt iż-żiemel ta' San Pawl jidhru rġiel libsin turban b'tarek u xwabel u xi żwiemel. Mad-dawra ta' din il-lunetta nsibu dawn il-kliem bil-Latin: "Urbem Melitam XVIII Millium Barbarorum Obsidionem Vallatam D Paulus Apost. in Aere Apparens Hostes Fugando Liberavit Anno MCCCCLXX". Jidhru wkoll G.E. '93. Din l-iskrizzjoni tgħid li: "Meta s-swar tal-belt ta' Malta ġew attakkati minn 18,000 Barbaru, San Pawl Appostlu deher fis-sema, l-għadu ħarab u ħelisna. Fis-sena 1470". Dawk l-inizjali u d-data ta' wara jista' jkun li huma ta' min pitter l-affresk u d-data ta' meta wettaq ix-xogħol.

Kif qegħdin naraw is-sena tidher li hi żbaljata. Hekk ukol hi żbaljata s-sena li tidher fuq il-bandiera tagħna. Is-sena 1427 li tidher fuq il-bandiera jista' jkun ġiet mibdula mas-sena li fiha r-re Fonzu laqa' lill-Maltin (liema okkażjoni semmejna aktar il fuq). Is-sena li wieħed suppost jara fuq dawn il-bnadar għalhekk għandha tkun dik ta' l-1429, is-sena li fiha seħħ l-assedju msemmi konness ma' din id-dehra.

Meta twaqqaf il-Każin San Pawl jidher li kellha tiġi ddisinjata bandiera uffiċċjali. Sal-1913 jidher (minn ritratt li ppubblikajna f'Il-Festi Tagħnċ 1993 Ħarġa Nru 17, artiklu ta' Biaġio Galea rigward il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913) li l-bandiera uffiċċjali kienet waħda ta' damask aħmar bl-arma ta' San Pawl fin-nofs. Iżda minn wara l-gwerra 'l hawn il-bandiera msemmija fil-bidu ta' dan l-artiklu ħaditilha postha. Kif oriġinat, għadu misteru sa llum, iżda din l-istess bandiera għadna narawha tperper fil-festi kollha prinċipali tar-Rabat, minn ġol-gallarija tal-Każin San Pawl u fuq il-bjut ta' ħafna partitarji Rabtin Pawlini.


***Referenzi:***

AZZOPARDI Can. John (ed), St. Paul's Grotto, Church and Museum at Rabat Malta, Progress Press 1990.

VELLA Andrew P. Storja ta' Malta, Klabb Kotba Maltin, 1974.




*L-Affresk t'Artist mhux magħruf fis-sagrestija tal-Kolleġġjata li juri d-dehra ta' San Pawl libes mantell bl-istilel għaddej fuq żiemel.*